MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2011

Numru 759/2011

Il-Pulizija
(Spettur Frans Micallef
Spettur Spiridione Zammit)

vs

Joseph Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 307870M, akkuzat talli

1. fl-24 ta' Gunju 2011ghal habta ta' 4.45pm fi Triq Mahatma Gandhi Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamel hsara fuq gallarija ta' propjeta li ggib l-isem Blokk 5 Flat 6 jinsab fi Triq Mahatma Gandhi Fgura ghad-dannu ta' Bernardu Demanuele u l-familja tieghu mill

Fgura liema hsara hi aktar minn 116.47 Ewros izda anqas minn 1164.69 Ewros.

2. fl-istess fl-istess data hin u cirkustanzi u xmatul iz-zmien ta'qabel kellek fil-pussess tieghek arma tan-nar u xi munizzjon cioe' senter tal-ghamla Benelli Nova , mhux separati minn xiulxin u mhux maqfulin b'mod sikur.

3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fi Triq Mahatma Gandhi spara arma tan-nar cioe` 'shot-gun' ta' l-ghamla Benelli Nova, qalb zona t'abitazzjoni;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, l-imsemmija arma tan-nar u munizzjon, elenkati fl-Iskeda I tal-Kapitolu 480 (Att Dwar l-Armi) minghajr ma kellu licenza taht l-istess Att;

5. fl-istess cirkustanzi filwaqt li kien qed jaghmel reat ta' hsara fi propjeta kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imtitazzjoni t'arma regolari..

6. fl-istess data, hin, lok, hin u cirkustanzi bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Bernardu Demanuele u l-familja tieghu mill Fgura biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom, jew kontra l-persuna jew propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxedendenti, ahwa subien jew bniet.

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamilt lil Bernardu Demanuele u l-familja tieghu mill-Fgura ingurji jew theddid mhuix imsemmijin band'ohra fil-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

8. fl-istess cirkustanzi b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kiser volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

IL-Qorti mitluba li f'kaz ta' sejbien ta'htija tigi revokata l-licenzja mahruga f'isem Joseph Spiteri. Mitluba biex tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Bernardu Demanuele u l-familja tieghu mill-Fgura. Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta'

htija tipprovdi ghas-sigurta ta’ Bernardu Demanuele u l-familja tieghu mill-Fgura u tapplika l-provedimenti ta’ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’hekk ukoll Joseph Spiteri irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Il-Qorti mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-‘corpus delicti’.

Semghet l-imputat jammetti l-akkuzi, fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jippottizzaw kronologikament:

l-hsara volontarja (Artikolu 325 tal-Kap 9), l-varji offizi bi ksur tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kap 480, senjatament fl-Artikolu 5(3a), 32, 51, 52, u 55), l-Artikolu 251B tal-Kap 9 li jittratta l-biza’ bl-uzu ta’ vjolenza, l-offizi kontravenzjonali koncernanti insulti u theddid u l-ksur tal-paci pubblika (Artikolu 339(b)(e) u 338(dd) tal-Kap 9).

Ghall-offizi migjuba kontra tieghu l-imputat irregistra ammissjoni volontarja u inkondizjonata.

Rat il-verbal tal-lum.

Issib l-imputat hati; wara li rat l-Artikoli tal-ligi fuq citati wkoll l-Artikolu 17(b)(d)(h) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15A tal-Kap 65 tikkundannah sentejn prigunerija sospiza ghal erba’ snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tac-citat Kap oltre li torbtu b’garanzija personali li ma jimmolestax b’kull mod lill-familja Degabriele ghal zmien sena mill-lum taht penali ta’ €1,200; tordna l-konfiska tal-arma u tissospendi l-licenzja tas-sewqan tieghu ghal sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------